TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 128/11

**Alan Cilia**
**vs**
**International Trading Company Limited**

Illum 2 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750), rappreżentanti prezz ta' *freezer* illi bdiet tagħmel *condensation* fuq in-naħa ta' barra, min-nofs il-bieba l'isfel.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *freezer* illi qed tagħmel *condensation* fuq in-naħa ta' barra, min-nofs il-bieba l'isfel, kif ukoll illi l-bieba qegħda tagħmel is-sadid, u tant qed tagħmel ħsara li l-injam ta' madwarha qed jinfetaħ.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi dak li qed jiġri minħabba n-nuqqas taċ-ċirkulazzjoni ta' l-arja, kif ukoll mhux qed jinfetħu t-twieqi meta jsir it-tisjir.

Is-soċjeta' intimata ħadet ukoll il-*freezer* fil-*workshop* tagħhom u rriżulta li waqt kienet għandhom, m'għamlet l-ebda *condensation*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-ritratti, jikkonkludi illi qed isir *condensation* minħabba l-fatt illi l-kamra mhix ventilata tajjeb u li b'hekk qed jikkawża dawn il-konsegwenzi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888